

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUTM SOMALIA/1/2013

tas-17 ta' Diċembru 2013

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)

(2013/777/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).
- (2) Fit-22 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/44/PESK⁽²⁾ li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK u li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Gerald AHERNE bħala Kmandant tal-Missjoni tal-UE.
- (3) Ir-Repubblika Taljanapproponiet in-nomina tal-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE l-ġdid biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Gerald AHERNE.
- (4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik il-proposta.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas mhija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Massimo MINGIARDI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mill-15 ta' Frar 2014.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/44/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (U L 20, 23.1.2013, p. 57).